

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.11.2009
KUMM(2009) 615 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-
KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT
TAR-REĠJUNI**

**Il-mobilizzazzjoni tal-investment privat u pubbliku għall-irkupru u tibdil strutturali fit-
tul: l-iżvilupp tal-Partenarjati Pubbliċi Privati**

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Il-mobilizzazzjoni tal-investment privat u pubbliku għall-irkupru u tibdil strutturali fit-tul: l-iżvilupp ta' Partenarjati Pubbliċi Privati

1. INTRODUZZJONI

Sabiex jindirizzaw il-kriżi finanzjarja u ekonomika, l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jimplimentaw pjani ambizzjużi ta' rkupru bil-għan li jstabbilizzaw is-settur finanzjarju u jillimitaw l-impatti tar-reċessjoni fuq iċ-ċittadini u l-ekonomija reali. L-investment fi proġetti ta' infrastruttura¹ huwa mezz importanti biex l-attività ekonomika tibqa' għaddejja matul il-kriżi u jagħti sostenn biex dlonk ikun hemm ritorn għal tkabbir ekonomiku sostenut. Il-Partenarjati Pubbliċi Privati (PPP) jistgħu jipprovdu metodi effettivi jwettqu proġetti ta' infrastruttura, jipprovdu servizzi pubbliċi u jirrinovaw f'sens usa' fil-kuntest ta' dawn l-isforzi ta' rkupru. Fl-istess ħin, il-PPP huma mezzi interessanti għal żvilupp strutturali fit-tul ta' infrastrutturi u servizzi, u jgħibu flimkien vantaġġi distinti tas-settur privat u tas-settur pubbliku, rispettivament.

Il-PPP huma forom ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-settur privat² bil-għan li jimmodernizzaw il-ħolqien ta' infrastruttura u servizzi pubbliċi strateġiċi. F'ċerti każi, il-PPP jinvolvu l-iffinanzjar, it-tfassil, il-kostruzzjoni, it-tiġdid, il-ġestjoni jew il-manutenzjoni ta' assi infrastrutturali; f'każi oħra, jinkorporaw il-forniment ta' servizz li tradizzjonalment jingħata minn istituzzjonijiet pubbliċi. Filwaqt li l-PPP għandhom primarjament jiffukaw fuq il-promozzjoni tal-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi permezz ta' qsim tar-riskju u l-użu tal-kompetenzi tas-settur privat, jistgħu wkoll inaqqsu l-pessjoni immedjata minn fuq il-finanzi pubbliċi billi jipprovdu għajn addizzjonali ta' kapital. Min-naħa l-oħra, il-parteċipazzjoni tas-settur pubbliku fi proġett tista' toffri salvagwardji importanti għal investituri privati, partikolarment l-istabbiltà ta' likwidità fit-tul minn finanzi pubbliċi, u tista' tinkorpora benefiċċji soċjali u ambjentali importanti fil-proġett.

Fil-livell tal-UE, il-PPP³ jistgħu joffru ingranaġġ miżjud fi proġetti ewlenin biex jitwasslu għanijiet ta' politika komuni bħall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; jitmexxew 'il quddiem sorsi ta' enerġija alternattivi kif ukoll effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi; jingħata sostenn lil trasport sostenibbli; ikun żgurat livell għoli u bi prezz li jintlaħaq ta' kura tas-saħħa; u jitwasslu proġetti ta' riċerka importanti bħall-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti, li huma mfassla biex jistabbilixxu s-supremazija tal-Ewropa fil-qasam ta' teknoloġiji strateġiċi. Jistgħu wkoll itejbu l-kapaċità ta' innovazzjoni Ewropea u jixprunaw il-kompetittività tal-industrija Ewropea f'setturi bi tkabbir sinifikanti u potenzjal ta' impjiegi.

¹ Kważi l-Istati Membri kollha żiedu l-pass fil-proġetti ta' infrastruttura li jinsabu għaddejjin jew li huma previsti.

² Il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni dwar il-PPP fl-2004 (COM(2004)327) u rrapportat dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni fl-2005 (COM(2005)569)

³ Pereżempju tliet PPP ġew identifikati fil-Programm Ewropew għall-Irkupru ekonomiku: fabbriki tal-futur, bijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija u karrozzi li ma jniġġsux l-ambjent.

It-twaħħid ta' kapaċitajiet u flejjes pubbliċi u privati jista' għalhekk jgħin il-proċess ta' rkupru u l-iżvilupp tas-swieq li fil-futur ikunu se jiffurmaw il-bażi tal-prosperità ekonomika Ewropea. Madanakollu, fil-mument meta l-użu iktar sistematiku tal-PPP kellu jgħib benefiċċji konsiderevoli, il-kriżi għamlet il-kundizzjonijiet ta' dawn l-istrumenti iktar diffiċli. Minkejja li issa hemm xi evidenza ta' rkupru, il-volum u l-valur tal-proġetti li qed jimmatraw bħalissa huma ħafna iktar inqas mil-livell ta' qabel il-kriżi⁴. Huwa għalhekk iktar urġenti u importanti li jinstabu toroq ġodda biex isostnu l-iżvilupp tal-PPP.

2. IL-KAŻ GĦAL PARTENARJATI PUBBLIĊI PRIVATI⁵: GĦALIEX U META JISTGĦU JKUNU EFFETTIVI?

Fl-UE, il-PPP żviluppaw fis-settur tat-trasport (toroq, ferroviji)⁶, fil-qasam tal-binjiet pubbliċi u l-apparat (skejjel, sptarijiet, ħabsijiet)⁷ u l-ambjent (trattament tal-ilma/l-iskart, ġestjoni tal-iskart)⁸. L-esperjenza dwarja ħafna bejn is-setturi u minn pajjiż għal ieħor. Ħafna Stati Membri għandhom biss esperjenza limitata tal-PPP jew xejn. Kollox ma' kollox il-ġestjoni ta' servizzi pubbliċi jew tal-konstruzzjoni u l-operazzjoni tal-infrastruttura pubblika f'livell globali tal-UE, it-tixrid tal-PPP għadu limitat ħafna u jirappreżentaw **parti żgħira mill-investment pubbliku totali**⁹. Għal dak li jirrigwarda n-netwerks tal-enerġija jew tat-telekomunikazzjoni, diġà hemm forniment ta' servizz sinifikanti fis-settur pubbliku, iżda jista' jkun hemm skop għall-iżvilupp ta' iktar PPP, pereżempju fl-iżvilupp ta' infrastruttura meħtieġa fl-enerġija fejn l-interessi kummerċjali ma jipprovdux biżżejjed incenċivi¹⁰ jew fil-PPP għall-broadband – kemm bil-fil kif ukoll mingħajru – sabiex jegħlbu l-firda diġitali u jippromwovu transitu mgħaġġel għal servizzi broadband tal-internet b'veloċità għolja. Issa teżisti biżżejjed evidenza li l-PPP jistgħu:

- **Itejbu t-twassil tal-proġetti.** Il-PPP għandhom rekord ta' twassil fil-hin¹¹ u fil-limiti tal-baġit¹². Proġetti tal-PPP fin-netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew (TEN-T) jagħtu xhieda li l-istrutturi ta' partenarjat jistgħu jiġu applikati b'suċċess fi proġetti varji f'kull xorta ta' trasport. Eżempji jinkludu l-konċessjoni ferrovjarja għal 50 sena Perpignan – Figueras

⁴ It-tnaqqis ta' PPP li ssodisfaw il-kundizzjonijiet finanzjarji sal-ewwel 9 xhur tal-2009, huwa madwar 30% mis-sena l-oħra, kemm fil-volum l-għadd, riċerka tal-EPEC, Ottubru 2009

⁵ Ibbażat fuq xogħol fi ħdan l-EPEC, l-UNECE, il-Fond Monetarju internazzjonali, il-Bank Dinji, u l-OECD

⁶ Il-Greċja, l-Irlanda, l-Olanda, Spanja u r-Renju Unit: Gwida dwar il-Promozzjoni tal-Governanza Tajba rigward is-Partenarjati Pubbliċi Privati, UNECE 2007, p. 20.

⁷ Franza, ir-Renju Unit idem.

⁸ Il-mudell prevalenti għall-involvement as-settur privat fis-settur ambjentali kien dak t' konċessjonijiet ta' servizz pubbliku.

⁹ Skont sħarriġ globali li sar fl-2007 minn Siemens, il-PPP jiffurmaw 4% biss tal-investment tas-settur pubbliku kollu.

¹⁰ Pereżempju fil-każ ta' interkonnetturi tas-swieq, il-proġetti jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-għanijiet tal-forniment u l-kooperazzjoni fir-riċerka tal-enerġija.

¹¹ Rapport reċenti (Ottubru 2009) mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (National Audit Office) fir-Renju Unit jaġġorna r-rapport tal-2003 "PFI construction performance report". Dan ir-rapport jikkonferma l-prestazzjoni ġeneralment aħjar tal-PPP vis a vis l-appalt konvenzjonali rigward l-aspetti ta' fil-limiti tal-baġit (65% tal-proġetti PFI) u twassil fil-ħin (60%). Meta l-ispejjeż qabżu l-limitu, f'90% tal-każi dan kien ikkawżat mill-awtorità jew talbiet minn partijiet terzi. Brra minn hekk, 91% tal-proġetti mitmuma kienu ġudikati mill-utenti ewlenin bħala tajbin ħafna jew mhux ħażin f'dak li jirrigwarda kwalità tal-konstruzzjoni u diżinn.

¹² Dawn il-konklużjonijiet ġew ikkonfermati minn aġġornament intern tal-BEI ippubblikat fl-2005, ibbażat fuq revizzjoni dettaljata ta' 15-il PPP "Evaluation of PPP projects financed by the EIB", <http://www.bei.europa.eu/projects/publications/evaluation-of-ppp-projects-financed-by-the-eib.htm>

inkluzja minn transkonfinali, il-ħolqa ferrovjarja fissa ta' Oresund bejn l-Iżvezja u d-Danimarka, u linja ferrovjarja b'veloċità għolja fl-Olanda. Bħalissa jinsabu ppjanati diversi proġetti transkonfinali ta' PPP it-TEN-T. Dawn jinkludu pont ferrovija/triq bejn id-Danimarka u l-Ġermanja, il-Kanal Seine-Nord, u proġett ta' sistema ta' kanali transkonfinali interni fi Franza u l-Belġju.

- **Valur aħjar għall-ispejjeż mill-infrastruttura**, billi jisfruttaw l-effiċjenza¹³ u l-potenzjal innovattiv ta' settur privat kompetittiv jew fl-infiq, jew biex jintlaħaq proporzjon aħjar bejn spiża u kwalità.
- **Jifirxu l-ispiża tal-finanzjament tal-infrastruttura fuq il-ħajja kollha tal-assi**, għalhekk inaqqsu l-pressjoni immedjata fuq il-baġits fis-settur pubbliku u jippermettu li t-tlestija tal-proġetti ta' infrastruttura – jew il-benefiċċji li jwasslu – jinġiebu 'l quddiem b'għadd ta' snin.
- **Itejbu l-qsim tar-riskju**¹⁴ bejn il-partijiet pubbliċi u privati. Sakemm ikun imqassam kif suppost, ir-riskju iktar effiċjenti tal-ġestjoni jnaqqas l-ispejjeż globali tal-proġetti.
- **Iżidu s-sostenibbiltà, l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-isforzi ta' iżvilupp** biex jitwasslu l-innovazzjonijiet meħtieġa għal soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi soċjo-ekonomiċi tas-soċjetà: dan huwa marbut mal-mekkaniżmu bażiku li huwa l-pedament ta' PPP:
 - Huwa proċess kompetittiv; titmexxa 'l quddiem l-innovazzjoni (f'termini ta' hardware jew sistemi) li tipprovdi vantaġġ kompetittiv.
 - Hija bbażata fuq impenji mill-parti privata li twassal prestazzjoni li tista' tingħaqad ma' kriterji tekniċi kif ukoll ambjentali u soċjali.
- **Jagħtu lis-settur privat rwol ċentrali** fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji fit-tul għal programmi industrijali, kummerċjali u ta' infrastruttura importanti.
- **Iwessgħu is-sehem fis-suq ta' impriżi tal-EU fil-qasam tal-appalti pubbliċi fi swieq ta' pajjiżi terzi.** Permezz tal-premju Ibni, Ħaddem u Ttrasferixxi (Build, Operate and Transfer – BOT) konċessjonijiet ta' xogħol u servizz kif ukoll it-twaqqif ta' soluzzjonijiet għal meżżi ta' trasport speċjali, xogħolijiet pubbliċi Ewropej u kumpaniji li jipprovdu servizzi jiksbu kuntratti importanti f'pajjiżi li huma sħab kummerċjali importanti rigward pereżempju l-konstruzzjoni u l-ġestjoni ta' ajruporti, arterji ta' trasport ewlenin u l-forniment u t-trattament tal-ilma.

Barra minn hekk, il-PPP joffru l-kapaċità li jinkiseb kapital minn fondi privati u jitwahaħhad ma' riżorsi pubbliċi. Dawn il-benefiċċji għandhom importanza partikolari fil-kundizzjonijiet ekonomiċi tal-lum minħabba li Stati Membri qed ifittxu li jaċċelleraw l-investimenti bi tweġiba għall-kriżi, filwaqt li huwa konxji ħafna mill-ħtieġa li tinżamm dixxiplina finanzjarja.

¹³ Ir-riżultati ta' studju globali dwar l-impatt tas-settur privat fid-distribuzzjoni tal-ilma u l-elettriku (Mejju 2009) jindikaw li s-settur privat jissodisfa l-aspettattivi ta' produttività ogħola fix-xogħol u effiċjenza operattiva, <http://www.ppiaf.org/content/view/480/485/>.

¹⁴ Canoy et al (2001) jenfasizzaw li l-arranġamenti ta' qsim tar-riskju fi ħdan il-PPP jipprovdu strument biex jinħolqu iċċentivi għaż-żewġ partijiet biex tizzied l-effiċjenza tal-proġett.

3. IL-KONTRIBUZZJONI TAL-UE GĦALL-PROĠETTI TAL-PPP

Il-kriżi qed iġġedded il-pessjoni fuq il-finanzi pubbliċi f'diversi Stati Membri, u fl-istess ħin tagħmilha iktar diffiċli li jiġi assigurat investiment privat fit-tul fi proġetti li jinvolvu kapital qawwi. L-iffinanzjar tal-UE permezz tal-Fondi Strutturali, il-Bank ta' Investiment Ewropew jew l-istrumenti TEN-T jistgħu jgħinu biex jiġu mmobilizzati soluzzjonijiet ta' PPP għal investiment essenzjali fi proġetti anke fi żmien ta' tnaqqis fid-disponibilità ta' riżorsi nazzjonali pubbliċi jew privati. L-UE tinfluwenza wkoll l-ambjent li fih joperaw il-PPP premezz tal-qafas regulatorju tagħha.

3.1. Regoli tal-Komunità

Diversi ġabriet ta' regoli tal-Komunità għandhom impatt dirett jew indirett fuq il-PPP. Fil-mixja 'l quddiem huwa importanti li jkun assigurat li r-regoli applikabbli jkun xierqa u ta' sostenn filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipji tas-Suq Intern..

Fil-passat, kien hemm tħassib li l-gvernijiet tal-Istati Membri setgħu jagħmlu użu mill-PPP bħala mezz biex jaħbu l-ispiżi u obbligazzjonijiet ġodda fuq il-karti tal-bilanċ pubbliċi, u b'hekk iżidu l-ispejjeż għall-futur, b'kontradizzjoni mar-regoli tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir. Jista' jkun hemm tħassib simili fil-kuntest preżenti ta' dejn pubbliku li qed jinħoloq minħabba l-kriżi. L-Eurostat żviluppa regoli swar il-**kontijiet statistiċi tal-PPP**¹⁵, li b'mod ċar jiddeterminaw f'liema każi assi tal-PPP għandu(hom) jkun/u mniżżla fil-karta tal-bilanċ tal-gvern. Dawn ir-regoli huma bbażati fuq id-distribuzzjoni tar-riskji ewlenin tal-proġett bejn il-gvern u l-operatur ta' PPP. Fejn ir-riskju finanzjarju tal-proġett jistrieħ l-aktar fuq il-gvern, l-assi tal-PPP jitniżżel fuq il-karta tal-bilanċ tal-gvern. Meta wieħed iqis il-pessjoni fuq il-finanzi pubbliċi minħabba l-kriżi ekonomika li tinsab għaddejja, ritorn mingġajr intoppi għal dixxiplina baġitarja tkun teħtieġ li l-Istati Membri jkunu konxji tal-impatt ta' proġetti individwali fuq il-karti tal-bilanċ tagħhom u tal-konsegwenzi relatati (it-trattament tad-dejn u d-defiċit).

Il-PPP huma strutturati madwar kuntratt pubbliku jew bħala konċessjonijiet ta' xogħol jew servizz. Meta jkunu involuti kuntratti pubbliċi jew konċessjonijiet ta' xogħol, dawn ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-direttivi dwar l-appalti pubbliċi jekk il-valur tagħhom jaqbeż il-limiti minimi tal-Komunità¹⁶. Wara li fl-2004 saru modifiki estensivi, **il-liġi tal-UE dwar l-appalti pubbliċi**¹⁷ issa ttiprovdi għal firxa ta' proċeduri li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu japplikaw meta jkunu qed jagħtu l-kuntratti. B'mod partikolari, sabiex jinbeda djalogu ma' daww li jagħmlu l-offerti f'każi partikolarment kumplessi, ir-regoli tal-UE issa jippermettu l-għażla ta' djalogu kompetittiv. It-tħaddim tiegħu jista' jkun adattat fil-każ ta' PPP fejn l-awtorità kontraenti mhux dejjem tkun tista' tiddetermina l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-prezz adattat minn qabel.

¹⁵ Stqarrija għall-Istampa, Eurostat, Nru 18/2004: It-trattament ta' partenarjati pubbliċi privati u l-Manwal ESA95 dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern Edizzjoni tal-2004: Il-kapitlu dwar kuntratti fit-tul bejn unitajiet governattivi u sħab mhux governattivi (PPP).

¹⁶ Għal kuntratti pubbliċi jew konċessjonijiet ta' xogħol iktar 'l isfel mil-limiti, japplikaw il-prinċipji tat-Trattat (it-trasparenza, it-trattament indaqs, in-non-diskriminazzjoni).

¹⁷ Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkordina l-proċeduri dwar l-appalt ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u l-posta (30.04.2004) Ġurnal Uffiċjali Journal L 134, 30/04/2004 P. 0001 – 0113. Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' xogħolijiet pubbliċi, kuntratti ta' forniment pubbliku u kuntratti ta' servizz pubbliku (30.04.2004) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114–240.

Il-konċessjonijiet ta' servizz mhux dejjen jaqgħu fl-ambitu tal-iskop tad-direttivi dwar l-appalti pubbliċi, iżda l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea kkonfermat li l-prinċipji tat-Trattat tal-KE (bħat-trasparenza u t-trattament indaqs) japplikaw ukoll għall-konċessjonijiet ta' servizz¹⁸. Tinsab għaddejja riflessjoni dwar il-ħtieġa li titjeb it-trasparenza, it-trattament indaqs bejn l-operaturi kollha, u, għaldaqstant, iċ-ċertezza legali fil-proċeduri tal-għoti tal-konċessjonijiet ta' servizz. Il-Kummissjoni qed theggi valutazzjoni tal-impatt biex tivvaluta liema inizjattivi futuri huma meħtieġa biex jiġi assigurat qafas ċar u prevedibbli f'dan il-qasam.

Fl-aħħarnett, wieħed għandu jiftakar li l-PPP, sakemm ikunu qed iwettqu attività ekonomika, huma suġġetti għar-regoli tal-kompetizzjoni u, partikolarment, tr-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.

3.2. PPP fil-livell tal-UE: il-każ ta' Inizjattivi Konġunti dwar it-Teknoloġija

Is-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka introduċa tip ġdid ta' partenarjat pubbliku-privat Ewropew fil-livell ta' programm: l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta (ITK) ibbażata fuq l-Artikolu 171 tat-Trattat tal-KE¹⁹. Dan l-istrument ġdid inħoloq biex imexxi 'l quddiem ir-riċerka Ewropea fl-oqsma fejn l-oġettivi segwiti huma ta' skala u natura tali li l-istrumenti tradizzjonali mhumiex suffiċjenti. L-ewwel ITK twaqqfu f'ħames oqsma: mediċini innovattivi, l-aeronawtika, ċelel ta' materjal kombustibbli u l-idroġenu (fuel cells and hydrogen), n-nanoelettronika u sistemi dedikati ta' kompjuters (embedded computing systems). L-ITK għandhom baġits totali li jvarjaw minn EUR 1 biljun sa EUR 3 biljuni għall-perjodu sal-2017. Fit-tliet ITK (Inizjattiva dwar Mediċini innovattivi, Clean Sky, u Fuel Cells and Hydrogen), ir-riżorsi pubbliċi huma esklussivament iffurmati minn fondi tal-Komunità, ipprovduti mill-baġit tal-ITK; fiż-żewġ ITK l-oħra (ARTEMIS u ENIAC), huma mwaħħdin ma' fondi tal-Istati Membri li qed jipparteċipaw jew il-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka, ipprovduti permezz tal-aġenziji nazzjonali għall-finanzjament. Il-kontribut tas-sħab privati huwa kompost minn kontributi 'fi prodotti' għall-proġetti ffinanzjati mill-ITK li fihom jipparteċipaw is-sħab privati. Kemm is-sħab pubbliċi kif ukoll dawk privati jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-operat (spejjeż amminsitrattivi) tal-ITK.

Dawn il-partenarjati jagħmluha possibbli:

- Li jiġu żviluppati soluzzjonijiet kummerċjalment vjabbli billi jagħtu sostenn lil attivitajiet ta' riċerka fuq skala multinazzjonali wiesgħa f'oqsma ta' interess importanti għall-kompetittività industrijali Ewropea.
- Li jiġu integrati u internalizzati oġettivi ta' rilevanza għolja għas-soċjetà, bħall-promozzjoni ta' sorsi alternattivi ta' enerġija u l-użu iktar effiċjenti²⁰ ta' enerġija u riżorsi,

¹⁸ Sentenza tas-26 ta' April 1994, każ C-272/91, Il-Kummissjoni v. l-Italja (Loto); Sentenza tad-9 ta' Settembru 1999, Każ C-108/98, RI.SAN; Sentenza tas-7 ta' Settembru 2000, każ C-324/98, Telasutria Verlags; Sentenza tal-21 ta' Lulju 2005, każ C-231/03, Consorzio Aziende Metano (Coname); Sentenza tat-13 ta' Ottubru 2005, każ C-458/03, Parking Brixen; Sentenza tas-6 ta' April 2006, każ C-410/04, Associazione Nazionale Autotrasporto Viaggiatori (ANAV); Sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, każ C-382/05, Il-Kummissjoni v. l-Italja (Skart municijali ġġenerat fir-Reġjun ta' Sqallija).

¹⁹ Artikolu 171 TEC jippermetti l-Komunità toħloq Impriżi Konġunti għall-eżekuzzjoni effiċjenti tal-programmi tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni Komunitarji.

²⁰ PPP jistgħu b'mod partikulari jixprunaw iktar żvilupp fil-kooperazzjoni tar-riċerka pan-Ewropea u se jkunu promossi permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li ġiet addottata reċentement għall-Investigazzjoni fl-Iżvilupp tat-Teknoloġija b'Karbonju Baxx (SET-Plan), COM (2009)519.

l-appoġġ ta' trasport iktar sostenibbli, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-assigurazzjoni ta' kura tas-saħħa ta' kwalità għolja u bi prezz li jintlaħaq.

- Li jitħalltu u jinġabru finanzjament u kompetenza (privati, Ewropej u nazzjonali) u li titnaqqas il-frammentazzjoni maħluqa minn proġetti multipli nazzjonali li jsegwu objettivi simili jew irduppjati.
- Li jihakmu l-kompetenzi u l-innovazzjoni tas-settur privat fi ħdan arranġamenti xierqa ta' qsim ta' riskju.

L-esperjenza tal-ħames ITK eżistenti hekk kif isiru awtonomi u totalment operattivi għandha ddawwal l-approċċ għal kif jinħolqu iktar PPP ta' riċerka.

3.3. Fondi Strutturali

Proġetti ta' PPP jistgħu jkunu parzjalment iffinanzjati mir-riżorsi tal-Fondi Strutturali. Madanakollu, huma f'it I-Stati Membri s'issa li sistematikament ifasslu programmi li jwasslu fondi tal-Komunità għand l-istrutturi tal-PPP²¹. Il-kumplessità inerenti biex jingħaqdu gruppi differenti ta' regoli u prassi u orarji tal-UE u nazzjonali fi pro[ett wie]jed jistgħu jservu ta' diżinċentiv. Madanakollu, f'ħafna każi **PPP jista' joffri wieħed mill-aħjar approċċi** biex jitwettqu l-proġetti. It-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-Istati Membri u l-forniment ta' gwida Prattika dwar it-twaħħid ta' ffinanzjar tal-Komunità mal-PPP huma miżuri importanti biex iwessgħu l-firxa ta' għażliet disponibbli għall-amminisitrazzjonijiet nazzjonali meta jkunu qed jieħdu deċiżjonijiet dwar il-finanzjament futur ta' proġetti maġġuri.

Il-Pont Harilaos Trakoupis:

Dan il-pont fuq l-istett ta' Korintu, l-itwal pont miżmum bil-kejbils fid-dinja, jgħaqqad il-gżejjer Peloponesi mat-territorju prinċipali tal-Greċja Fl-1996, l-istat Grieg ta' konċessjoni ta' 42 sena lill-konsorzju Franko-Elleniku Gefyra S.A għall-kunċett, il-kostruzzjoni, l-użu u l-manutensjoni tal-pont Harilos Triakoupis. L-UE għaddiet sostenn finanzjarju sinifikanti, fil-forma ta' għotja ERDF u self mill-EIB, għall-bini ta' dan il-proġett.

Il-Fondi Strutturali għall-perjodu 2007-2013 joffru opportunitajiet importanti lill-Istati Membri biex jimplementaw programmi operattivi permezz ta' PPP organizzati mal-BEI, banek, fondi ta' investiment u s-settur privat inġenerali. Inizjattivi li jimmiraw biex iwaħħdu l-Fondi Strutturali ma' proġetti ta' PPP jistgħu jirrikorru għal:

- JASPERS²², faċilità għall-iżvilupp ta' proġetti mmedija flimkien mal-BEI u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERI), li intiż biex jipprovdi assistenza kif meħtieġa f'kull stadju ta' ċiklu ta' proġett PPP/infrastruttura
- L-inizjattiva JESSICA²³ għal investiment urban sostenibbli għal PPP/proġetti urbani inklużi fi pjan ta' żvilupp urban integrat

²¹ Skont sħarriġ tad-DĠ REGIO, 7 Stati Membri għandhom esperjenza ta' PPP b'komponent ta' Fond Strutturali.

²² Assistenza Konġunta għas-Sostenn ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej.

²³ Sostenn Konġunt Ewropew għal Investiment Sostenibbli f'Żoni Urbani.

- il-kuntest tal-inizjattiva JEREMIE²⁴ b'sostenn għall-ħolqien ta' negozju ġdid u t-titjib tal-aċċess għall-finanzi mill-impriżi

3.4. Bank Ewropew tal-Investment (BEI)

Il-BEI, l-istituzzjoni ta-UE għal self fit-tul, attivament fittex li jagħti sotenn lil skemi ta' PPP effiċjenti tul l-Ewropa, u b'mod partikolari fl-infrastruttura tat-trasport. Il-Bank qiegħed kważi EUR 30 biljun f'self għall-PPP mill-aħħar tas-snin 80. Il-BEI huwa wkoll il-finanzjatur ewlieni tan-netwerks TEN-T. Huwa mistenni li jikkontribwixxi 14% tat-total tal-investment għat-TENT-T bejn l-2007 u l-2013.

Il-grupp tal-BEI huwa fuq quddiem tal-isforzi tal-UE biex jiffinanzja l-innovazzjoni u l-impriżi. Bl-użu li jagħmel mill-BEI u d-driegħ finanzjarju tiegħu tal-SMEs, il-Fond Ewropew għall-Investimenti (FEI) jipprovdi lill-UE b'għodda effiċjenti biex tiżviluppa PPP ġodda.

Barra minn hekk, il-BEI flimkien mal-Kummissjoni u l-Istati Membri, stabbilixxew iċ-Ċentru Ewropew ta' Esperti ta' PPP (EPEC), li jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kapaċita organizzattiva tas-settur pubbliku biex jingagħga l-PPP permezz ta' attivitajiet f'network u appoġġ għall-politiki għall-membri tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha taħdem mill-qrib mal-BEI u s-settur privat sabiex iżżid l-effett globali tal-ingranagħ tal-finanzjament tal-BEI, pereżempju permezz ta' taħlit bejn għotjiet mill-baġit tal-UE u self mill-BEI.

3.5. L-istrumenti TEN-T

Tliet strumenti finanzjarji mfassla għal proġetti TEN-T ġew innieda taħt ir-Regolament Finanzjarju TEN kurrenti, u kollha jfittxu li jżidu l-parteċipazzjoni mill-privat. Dawn l-istrumenti huma mfassla biex jibbenefikaw proġetti billi jimmiraw lejn ħtiġiet speċifiċi (bħall-ottimizzazzjoni tat-trasferiment tar-riskju, u l-kost tal-finanzjament). Mhux biss jippermettu rispons immirat, iżda jigggrantixxu l-ikbar effett ta' ingranagħ ta' fondi tal-UE disponibbli.

Il-valur ta' tali livell ta' sostenn finanzjarju għal proġetti ta' PPP ħafna drabi jmur 'lil hinn minn sempliċement il-forniment ta' kapital. Huma wkoll espressjoni ta' impenn politiku mill-UE li ħafna drabi jġiegħel lil istituzzjonijiet finanzjarji jħarsu b'mod iktar favorevoli lejn il-profil tar-riskju ta' proġett u għaldaqstant jagħmluha iktar faċli li l-finanzjament jinkiseb b'kundizzjonijiet iktar favorevoli. Il-granziji fil-livell tal-UE jaqdu l-istess funzjoni.

L-Istrument ta' Garanzija dwar Self għal Proġetti TEN-T (LGTT)

PPP għal proġetti TEN-T li fihom is-settur privat jitgħabba b'riskju relatat mal-varjazzjonijiet possibbli f'dak li hu mitlub ħafna drabi jiffaċċjaw diffikultajiet biex jattiraw finanzjament privat bi prezz kompetittiv. L-LGTT huwa faċilità ta' garanzija li jgħin billi jkopri r-riskji parzjalment billi jagħmel tajjeb għal nuqqas fid-dħul li jirriżulta minn tkabbir li jkun inqas milli mistenni fl-ewwel żminijiet operattivi tal-proġett. B'dan il-mod, itejjeb il-vjabbiltà finanzjarja ta' proġett u l-kwalità tal-kreditu inġenerali. Garanziji LGTT individwali huma disponibbli wkoll permezz tal-BEI. Tliet skemi ta' PPP diġà bbenefikaw²⁵ u b'kollox sal-2013

²⁴ Riżorsi Kongunit Ewropej għall-Intrapriżi Mikro u ta' daqs medju.

²⁵ Skemi ta' toroq 'IP4 Amarante — Villa Real' u 'Baixo Alentejo' fil-Portugall, u il-PPP A5 Autobahn A-model fil-Ġermanja.

il-faċilità LGTT mistennija ssostni 25-35 proġett TEN-T. Proġetti ppjanati jinkludu linja ferrovjarja b'veloċità għolja, trasport espress għal ajruport, konċessjonijiet għal arterji ta' trasport ewlenin f'xi Stati Membri u proġetti ta' merkanzija innovattivi.

Għotja għall-kostruzzjoni bbażata fuq l-ispiża fil-qfas tal-iskemi ta' ħlasijiet disponibbli

Din l-iskema ta' għotjiet speċjali tinkoraġġixxi lill-promotur tal-proġett jidħol fi ftehim ta' PPP ma' sieħeb privat iktar milli juża sovvenzjonijiet pubbliċi biex jiffinanzja l-kostruzzjoni. Is-sovvenzjoni TEN-T, ekwilvalenti għal 30% tat-total tal-ispejjeż tal-kostruzzjoni, tintuża' mill-promotur biex isostni l-obbligazzjonijiet tal-ħlasijiet biss meta l-proġett ikun tlesta. Dan irendi l-prezz iktar milħuq għas-settur pubbliku, filwaqt li t-trasferiment tar-riskju jibqa' għand is-sieħeb privat.

Il-forniment ta' kapital ta' riskju – parteċipazzjoni fil-finanzjament tal-proġetti TEN-T

Sa 1% jew EUR 80 miljun tal-baġit tat-TEN-T jistgħu jiġu investiti fi proġetti fil-forma ta' interess azzjonarju jew kważi interess azzjonarju permezz ta' struttura dedikata ta' fondi. Il-Kummissjoni bħalissa qed tesplora għażliet sabiex taħmel użu minn dan l-istrument biex tinvesti fil-Fond għall-Enerġija, tibdil fil-klima u Infrastruttura 2020 (Marguerite)²⁶ li jimmira lejha fond ta' EUR 1,5 biljun.

3.6. Il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Qsim tar-Riskji u l-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni

Il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Qsim tar-Riskji (RSFF), skema nnovattiva ta' kreditu dwar il-qsim tar-riskju mwaqqfa mill-Kummissjoni Ewropea u l-BEI, kif ukoll l-istrumenti ta' finanzjament taħt il-Programm ta' Kompetittività u Innovazzjoni (CIP), jappoġġaw partenarjati pubbliċi privati fl-oqsma tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku, id-dimostrazzjoni u l-innovazzjoni.

Iż-żewġ strumenti RSFF u dak finanzjarju tal-CIP taw prova tas-suċċess tagħhom:

- Minn meta tnieda l-RSFF f'Lulju 2007, ġew approvati EUR 4.4 biljun f'self għal investimenti fir-R&Ż u l-innovazzjoni. Il-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku jipprevedi implimentazzjoni aċċellerata tal-RSFF.
- Sa tmiem it-tieni kwart tal-2009, taħt il-CIP ġew konklużi partenarjati mas-settur privat 16-il ftehim b'fondi għall-kapital minn 14-il pajjiż. Għall-istrument ta' garanzija, partenarjati ma' organizzazzjonijiet pubbliċi u privati rriżultaw f'16-il ftehim ma' intermedjarji finanzjarji minn 10 pajjiżi. Sal-aħħar tal-ewwel kwart tal-2009, 'il fuq minn 30 000 SME kienu rċivew sostenn finanzjarju mill-istrumenti.

3.7. PPP barra mill-UE

L-UE ukoll għamle kontribuzzjonijiet lil PPP li jinsabu barra mill-UE. Pereżempju, il-Fond għal Enerġija Rinovabbli u l-Effiċjenza fl-Enerġija Globali huwa PPP li joffri opportunitajiet ta' qsim ta' riskju u kofinanzjament lil investituri kummerċjali u pubbliċi fpajjiżi li qed jiżviluppaw. Filwaqt li bħalissa huwa ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea u mill-gvernijiet tal-Ġermanja u n-Norveġja, se jinvesti f'fondi b'interess azzjonarju privat li jispeċjalizza fil-

²⁶ Il-proposta biex jinholq tali fond li jinvesti fl-oqsma importanti tal-infrastruttura ta' interess għall-UE kienet ikkonfermata mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2008.

forniment ta' finanzjament azzjonarju – finanzjament f'redditu minn ishma – fi proġetti u impriżi żgħar u ta' daqs medju. Fil-proċess ta' tkabbir il-KE pparteċipat ukoll f'PPP permezz ta' programmi bħall-ISPA u l-Phare. Fl-2003 il-Linji Gwida ġew mirquma biex jindirizzaw kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kooperazzjoni esterna²⁷.

Fin-negozjati mas-sħab kummerċjali, il-Kummissjoni Ewropea tfittex li żżid it-trasparenza u takkwista impenji għall-aċċess għas-suq għall-PPP kif tagħmel fil-kuntratti ta' appalt pubbliku tradizzjonali meta tkun qed tittratta mal-appalti tal-gvern f'kummerċ ħieles u ftehimiet bilaterali oħra. L-ikbar suċċess f'dan ir-rigward huwa l-inklużjoni ta' kuntratti u konċessjonijiet ta' xogħol Ibni, Haddemk u Ittrasferixxi (BOT) fil-FTA li għandhom jiġu konklużi mal-Korea t'Isfel. Dan huwa l-każ ukoll fin-negozjati ma' pajjiżi terzi, li huma msieħba fil-Ftehim dwar l-Appalti governattivi (Government Procurement Agreement –GPA) tal-WTO.

4. L-ISFIDI: GĦALFEJN IL-PPP MHUX QED JILĦQU L-POTENZJAL KOLLU TAGĦHOM?

4.1. Sfdi fil-kriżi kurrenti²⁸

Il-kriżi reċenti kellha impatt negattiv kbir fuq il-proġetti tal-PPP minħabba li (i) kien hemm tnaqqis konsiderevoli fid-disponibilità ta' self mill-banek u forom oħra ta' kreditu għall-PPP, u deterjorament sinifikattiv fil-kundizzjonijiet finanzjarji offruti għas-self mill-PPP, żvilupp assoċjat ma kambjament fl-valutazzjoni tar-riskju ta' proġetti ta' PPP min-naħa tal-banek, u (ii) uħud mill-gvernijiet nazzjonali u awtoritajiet reġjonali naqqsu jew issospendew il-programmi ta' PPP tagħhom.

L-iżvilupp tal-PPP għalhekk, bħalissa jinsab miżmum minħabba:

- **żieda sinifikanti fl-ispiża tad-dejn** għal proġetti ta' PPP bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' kreditu;
- **tqassir sostanzjali fid-dati tal-għeluq** offruti mill-banek²⁹ fuq id-dejn tagħhom;
- il-fatt li **fondi impenjati huma disponibbli biss fl-aħħar tal-proċess tal-appalt**.

Ikkonfrontati b'din is-sitwazzjoni, **l-Istati Membri** jvarjaw fit-tweġibiet li jagħtu. Uħud mill-awtoritajiet iddeċidew lijnaqqsu, jew jissospendi temporanjament il-programmi ta' PPP tagħhom. Madanakollu, oħrajn qed jieħdu miżuri ta' sostenn, li jvarjaw minn **skemi statali ta' garanzija**, li ġew introdotti fi Franza, il-Belġju u l-Portugall, sa **faċilitajiet għal dejn fis-settur pubbliku** li ġew introdotti fir-Renju unit, il-Ġermanja u Franza. Għadd ta' awtoritajiet pubbliċi qegħdin ukoll **jimmodifikaw il-mod kif ikunu ġestiti l-appalti** ta' proġetti ta' PPP jew qed jissimplifikaw ir-regoli u l-prattiki tal-appalti pubbliki nazzjonali, li ħafna drabi jmorru 'lil hinn mill-ħtiġiet proċedurali minimi tar-regoli tal-Komunità f'dan il-qasam. Dawn l-iżviluppi jirriflettu l-impenji tal-gvernijiet biex jaċċertaw li l-PPP ikollhom rwol iktar

²⁷ http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/guides/ppp_en.pdf

²⁸ Il-materjal f'din it-taqsimha tteħed minn analiżi taċ-Ċentru ta' Għarfien Espert għall-Partenarjati Pubbliċi Privati Ewropej (European PPP Expertise Centre (EPEC)), bħala parti mill-ħidma tiegħu dwar l-impatt tal-kriżi tal-kreditu fuq il-PPP. L-EPEC twaqqfet bħala inizjattiva konġunta bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-BEI. Iktar dettalji jinsabu f'www.eib.org/epec

²⁹ L-istandard tas-suq għad-dati tal-għeluq issa huma minn 7 sa 10 snin. Qabel, dati tal-għeluq ta' 25 sa 30 sena ma kinux rari għal proġetti ta' infrastruttura maġġuri.

importanti fl-investment – rwol li għandu jassumi iktar importanza sakemm il-finanzi pubbliċi jibqgħu taħt pressjoni għall-futur qrib³⁰.

It-tnaqqis tal-aċċess għall-finanzi jista' jkollu impatt ukoll fuq l-effettività u l-limitu tal-kompetizzjoni fil-proċess tal-**appalt pubbliku**. Il-fatt li m'hemmx biżżejjed kapaċità bankarja fis-suq biex issostni żewġ offerti ffinanzjati jew aktar, u li l-banek m'humiex lesti jikkommettu ruħhom ħafna qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, għandu implikazzjoinjiet sinifikanti fuq l-appalt. Il-kwistjoni għalhekk hija kif jiġi assigurat li jibqgħu jiġu konklużi ftehimiet, u li s-settur pubbliku jieħu l-aħjar mill-finanzjament filwaqt li ma jiksirx ir-regoli tal-appalt pubbliku. Il-Kummissjoni se tesplora metodi dwar kif tittratta dawn id-diffikultajiet (Taqsim 5).

Fil-livell tal-UE, il-Kunsill Ewropew tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2008³¹ appoġġja l-użu ta' proċeduri aċċellerati matul l-2009 u l-2010, u rrikonoxxa n-natura eċċezzjonali tal-qagħda ekonomika preżenti u l-ħtieġa li matul il-kriżi l-ispiża pubblika tiġi aċċellerata.

Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll “Qafas Komunitarju Temporanju għal **miżuri ta' għajnuna mill-Istat** biex jappoġġja l-aċċess għall-fondi³², li jikkonsisti f'għadd ta' dispożizzjoinjiet rilevanti għall-PPP. Dan jipprovdi strument kumplimentari flessibbli li jippermetti lill-Istati Membri jintervjenu fejn miżuri ġenerali, interventi skont il-kundizzjoinjiet tas-suq u interenti taħt ir-regoli normali ta' għajnuna mill-istat mhumiex biżżejjed biex iwiegħbu għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li nħolqu mill-kriżi³³.

4.2. Sfidi inerenti fil-mudelli ta' appalt kumplessi bħall-PPP

Jeżistu għadd ta' diffikultajiet inerenti fit-twaqqif tal-PPP li jeħtieġ jiġu indirizzati b'mod iktar wiesa':

- Jeħtieġu l-impenn ta' ħafna riżorsi fil-fażi tat-tnejjija u tal-offerti u ħafna drabi dan jinvolvi sgejjeż ta' tranżazzjoni importanti.
- Jeħtieġu **sett ta' kapaċitajiet speċifiċi fi ħdan is-settur pubbliku**, li jinvolu t-tnejjija, l-għeluq u l-ġestjoni tal-kontratti. Il-firxa ta' arranġamenti finanzjarji kumplessi meħtieġa għall-PPP u n-nuqqas relattiv ta' għarfien f'dawn il-materji jistgħu jillimitaw il-kapaċità li s-settur pubbliku jipproduċi PPP tajbin. It-taħriġ u l-assistenza huma għalhekk meħtieġa sabiex jiġi akkumulat għarfien għat-tnejjija soda ta' proġetti ta' PPP.
- F'każi li jinvolvu **fondi tal-Komunità**, fit-terminu l-qasir l-Istati Membri jistgħu jqisu l-PPP b'mod negattiv meta mqabblin ma' għotjiet ta' fondi għal proġetti miksuba u mħaddma b'mezzi tradizzjonali. Hemm tendenza li l-benefiċċji fit-tul tal-potenzjalità ta' effiċjenza ikbar permezz tal-parteċipazzjoni tas-settur privat jintesew meta wieħed jikkunsidra l-bżonn iktar urġenti li jiġu ssodisfati l-ħtiġiet tal-proċeduri tal-UE. Barra minn hekk, għandu jiġi ggarantit **ambjent ekwu bejn il-ġestjoni pubblika u privata** tal-infrastruttura u s-servizzi pubbliċi fl-allokkazzjoni tal-fondi tal-UE għal proġetti. Għal dan il-għan, ir-regoli u l-prattiki għandhom jiġi riveduti sabiex ikun żgurat li m'hemmx

³⁰ Miżuri ta' sostenn għall-PPP jisgħu jinkludu għajnuna mill-Istat, li teħtieġ tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

³¹ Punt 11, it-8 inciz.

³² IP/08/2040 tad-19.12.2008

³³ ĠU C 83, 7.4.2009, p. 1.

diskriminazzjoni fl-allokkazzjoni ta' fondi għall-proġetti ta' investment li fihom jipparteċipa s-settur privat.

- Il-PPP jeħtieġu **impenn governattiv fit-tul u rieda politika** li l-investment fi proġetti maġġuri jinqasam mas-settur privat. B'mod partioklari, il-possibbiltà ta' **tibdil futur fil-politika** f'diversi oqsma regolatorji (l-ambjent, l-awtonomija tal-awtoritajiet lokali, il-politika fiskali, il-politika ekonomika) jistgħu jintroduċu inċertezza fil-proċess tal-appalti u jista' jżid l-ispejjeż.
- Biex il-PPP ikollhom suċċess jeħtieġ li jitfasslu b'mod li jippermetti lis-sħab privati jiġġeneraw profitt proporzjonali mar-riskji li jieħdu. Minħabba li r-riskji huma maqsuma mas-sħab pubbliċi, anke l-profitti jeħtieġ jinqasmu. Il-proċessi ta' offerti jridu jkunu kompetittivi u jeħtieġu qafas regolatorju u finanzjarju xieraq fil-livell nazzjonali. L-entitajiet pubbliċi għandu jkollhom flessibbiltà fit-tipi ta' ftehimiet li jistgħu jikkonkludu, u jżommu l-possibbiltà li jagħtu kuntratti skont il-valur għall-flus, li jirriżulta mill-aħjar taħlita tal-allokkazzjoni ta' riskju pubbliku u privat.

4.3. Sfdi speċifiċi ta' Inizjattivi Konġunti dwar it-Teknoloġija

PPP fil-qasam tar-riċerka huma orjentati lejn il-koordinazzjoni tal-investment pubbliku u privat biex jiġi ġġenerat għarfien ġdid u skoperti teknoloġiċi. Ir-riżultati għalhekk huma inqas prevedibbli u tanġibbli milli għall-appalti ta' infrastruttura u servizzi, iżda potenzjalment enormi.

L-ewwel ħames ITK waqqfu bħala "korpi tal-Komunità", skont l-Artikolu 185 tal-Qafas għar-Regolament Finanzjarju, suġġett għal regoli u proċeduri, bħalma hu r-Regolament Finanzjarju għall-korpi tal-Komunità, ir-Regolamenti tal-persunal u l-Protokoll dwar il-privileġġi u l-Immunitajiet, li nħolqu biex jiġu mminimizzati r-riskji għall-fondi pubbliċi Ewropej iktar milli biex jiffaċilitaw il-koinvestment ma' sħab privati fir-riċerka fi swieq ji joperaw b'pass mgħaġġel. Dawn l-ITK dalwaqt se jsiru awtonomi operattivament u l-istrument il-ġdid iwieġeb għal ħtieġa li ġiet enfasizzata mill-komunità ta' riċerka industrijali. Fl-istess waqt, is-sħab huma tal-opinjoni li l-istrument jista' jitħaddem b'mod iktar effiċjenti jekk l-istruttura u l-proċeduri operattivi jiġi ssimplifikati u l-qafas tal-amministrazzjoni legali jkun imfassal għal PPP li joperaw qrib is-suq.

Dan it-tħassib għandu jiġi indirizzat kif xieraq biex jiġi żgurat li l-JTIs eżistenti jikkunsinnaw dak li jwegħedu u ma jtellfux l-interess tas-settur privat f'JTIs f'oqsma fejn il-PPP huma meħtieġa. Il-Kummissjoni għaldaqstant bi ħsiebha tesplora mudelli alternattivi li jistgħu jwassli għal proċess iktar issimplifikat għat-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' partenarjati pubbliċi privati fir-riċerka Ewropea. Fid-dawl tal-ewwel esperjenza bil-JTIs u bil-ħsieb li jitwaqqfu PPP ġodda għat-tul, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-għażliet kollha fir-reviżjoni tal-qafas legali u r-regoli finanzjarji (kif ukoll il-proċeduri operattivi) biex tipprovdi mudell sempliċi u kost-effikaċi, ibbażat fuq għarfien reċiproku, partenarjat ġenwin u kondivizzjoni tar-riskju.

Barra minn hekk, il-kontribuzzjonijiet mill-programmi ewlenin ta' innovazzjoni fl-UE (PK7, PKI) direttament lill-PPP jistgħu jsiru biss permezz ta' għotjiet jew appalti pubbliċi. Din hija limitazzjoni fejn l-iktar forma effiċjenti ta' kooperazzjoni ssir investment. Sabiex jitjieb l-investment fl-innovazzjoni, il-Kummissjoni se tesplora għażliet differenti sabiex tiipermetti lill-PPP jieħdu deċiżjonijiet ta' investment li jinkludu fondi Komunitarji.

5. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM: X'HEMM BŻONN LI JSIR?

Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-PPP bħala għodda għall-irkupru ekonomiku u l-bini sostenibbiltà, il-kompetittività u servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja għall-futur kif ukoll għall-manteniment ta' livelli ambjentali għoljin, il-Kummissjoni bi ħsiebha tibni **qafas ta' kooperazzjoni effettiv u li jagħti s-setgħa** bejn is-settur pubbliku u dak privat. B'dak li jirriżulta minn djalogu mal-partijiet interessati rilevanti kollha permezz ta' grupp ta' PPP apposta, **sensiela ta' azzjonijiet** se jikkompletaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jiġu rimedjati tal-ostakoli għall-iżvilupp tal-PPP u biex jipromwovu l-użu tagħhom. Dawn l-azzjonijiet proposti se jiffukaw, fuq naħa waħda, fuq l-istrumenti u l-qafas regolatorju tal-Komunità, u fuq in-naħa l-oħra, fuq miżuri msaħħa mmirati biex jitjieb l-aċċess għall-finanzjament ta' inizjattivi tal-PPP u jikber ir-rwol tal-BEI biex jiffinanzja proġetti essenzjali. Id-deċiżjoni aħħarja dwar l-użu tal-PPP tinsab f'idejn l-awtorità pubblika tal-Istati Membri u huwa għall-Istati Membri li jirrevedu l-qafas nazzjonali kif xieraq biex jippermettu li dan isir. Il-Kummissjoni se:

1. Ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament tal-PPPs permezz:

- It-tisħiħ u twessigħ tal-ambitu tal-istrumenti tal-Komunità li huma disponibbli bħalissa biex issostni l-PPPs, bħall-LGTT u l-EPEC u inizjattivi oħra li, minkejja li mhux speċifikament immirati lejn skemi PPP, jistgħu jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti PPP (JASPERS, JESSICA, RSFF, il-Fond Marguerite).
- Tikkoordina mill-qrib mal-BEI sabiex tesplora t-triqat possibbli biex iżżid il-parteċipazzjoni tal-Bank fil-finanzjament tal-infrastruttura tal-UE, b'mod partikolari rigward inizjattivi ewlenin fl-UE b'valur miżjud soċjo-ekonomiku u Ewropew (pereżempju proġetti transkonfinali, inizjattivi favur l-ambjent eċċ.). Fl-isforzi tiegħu l-BEI għand jsib appoġġ sabiex ikun jista' jagħmel użu sħiħ mill-istrumenti multipli disponibbli għall-PPP u biex jintegra lill-PPP bħala wieħed mill-għanijiet ewlnin tal-Bank. Barra minn hekk, il-BEI huwa mistieden ikompli jiżviluppa u jimplimenta strumenti ta' granzija biex jiffaċilita l-finanzjament tal-PPPs, billi jipromwovi r-rwol tas-swieq kapitali, investituri istituzzjonali u s-settur pubbliku bħala fornituri ta' likwidità għal skemi PPP.

2. Jitħaffef it-twaqqif tal-PPP permezz tal-proċess tal-appalti għall-PPP billi:

- Jiġi eżaminat l-impatt tar-rispons tal-Komunità għall-kriżi fuq id-disponibbiltà ta' finanzi għall-investiment fl-infrastruttura, inkluża l-ħtieġa għal aġġustament tal-programmi u l-proċessi tal-appalt biex jittieħed kont tal-aċċess imnaqqas għall-fondi.
- Titlesta l-valutazzjoni tal-impatt li tinsab għaddejja u xogħol preparatorju ieħor bil-ħsieb li fl-2010 ssir proposta legali fil-qasam tal-**konċessjoni** tas-servizzi.

3. Jiġi żgurat **trattament xieraq tad-dejn jew defiċit tal-PPP** permezz ta':

- Tiġi studjata l-implikazzjoni tal-arranġamenti finanzjarji riveduti fuq it-trattament fil-karti tal-bilanċ tal-assi tal-PPPs u jinħarġu kjarifiki dwar it-trattament tal-kontabbiltà eżistenti fil-kontijiet nazzjonali ta' kuntratti tal-PPP.
- Tingħata gwida fuq it-trattament kontabbli tal-garanziji pprovdut fil-kuntest tal-iskemi PPP.

- Jibqa' jingħata parir ċar lill-Istati Membri dwar ir-reġistrazzjoni statistika ta' kuntratti PPP individwali, jekk jitolbuh.

4. Titjieb l-informazzjoni u tinxtered il-kompetenza rilevanti u 'know-how' billi:

- Il-Kummissjoni tippublika gwida dwar il-kwistjonijiet legali u ta' metodoloġija involuti fit-taħlit ta' fondi mill-UE mal-PPP, b'mod partikolari fil-qafas tal-inizjattiva JASPERS, sabiex jiġi ffaċilitat u jiżdied is-sehem tal-PPPs mill-fondi strutturali. Jiġi ppubblikati wkoll **Linji Gwida dwar l-applikabbiltà tal-PPP** għal forom iktar sempliċi ta' PPP bħall-kuntratti Fassal-Ibni-Ħaddem.
- **Proġetti pilota ta' PPP** jistgħu jservu ta' mudell għall-aħjar Prattiki, governanza tajba u għandhom jiġu żviluppjati u replikati soluzzjonijiet fuq skala usa' bl-użu ta' elementi ta' assistenza teknika tal-programmi ta' finanzjar rilevanti.
- F'ħidma flimkien ma' Ċentru Ewropew ta' Esperti ta' PPPs (EPEC) biex jidentifika mezzi biex jitwassal **sostenn aħjar fit-tul** liul dawk l-Istati Membri li jfittxuli jużaw lill-PPPs biex jottimizzaw l-użu tagħhom tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni bħala komponent tal-programmi ta' investiment. L-EPEC għandu jissaħħa u jiġi żviluppjati fi pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar Prattiki u jagħxi bħala punt fokali għal netwerk Ewropew ta' korpi nazzjonali biex isostni l-PPP. Dan jista' jżid mar-rwol tal-JASPERS u l-Kommissjoni, li t-tnejn li huma jagħtu spostenn lil applikazzjonijiet u għal għotjiet u proġetti individwali. Jiġu studjati għażliet għall-promozzjoni ta' **tħejjija aħjar tal-proġetti u jifasslu proġetti li huma aktar adattati** għall-involviment tas-settur privat.
- Jinxterdu l-**prattiki tajba**, b'kooperazzjoni mal-EPEC, sabiex titjieb il-kapaċità ta' ġestjoni mis-settur pubbliku u jonqsu l-ispejjeż tal-PPP. Pereżempju, l-EPEC żviluppjati analiżi ta' azzjonijiet ta' rimedju potenzjali biex jappoġġjaw l-inizjattival-PPP fi-ċirkostanzi li jipprevalu fis-swieq finanzjarji³⁴.
- Issir ħidma mal-Istati Membri biex jiġu **identifikati d-dispożizzjonijiet** fil-liġi nazzjonali li **ma jippermettux jew ixekklu t-twaqqif tal-PPP**, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku. Fejn huma nvoluti fondi tal-UE, għandu jiġi żgurat li ma ssirx diskriminazzjoni fl-allokkazzjoni tal-fondi għal proġetti ta' investiment skont il-ġestjoni tal-proġett, sew jekk hu privat sew pubbliku. Flimkien mal-Istati Membri l-Kummissjoni se teżamina r-regoli u l-prattiki tal-UE u dawk nazzjonali u tippreżenta s-sejbiet tagħha flimkien ma' proposti għal modifiki, fejn xieraq, sal-aħħar tal-2010.

5. Jiġu indirizzati sfidi speċifiċi ta' ITK u l-iffinanzjar għall-innovazzjoni billi:

- L-ITK jitmexxew kemm jista' jkun malajr lejn l-awtonomija u jsir studju tal-tagħlimiet miksubin, filwaqt li fl-istess ħin jiġu esplorati toroq oħra biex il-qafas legali u amministrattiv li japplika għall-ITK jiġi ssimplifikat. Filwaqt li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE, l-għan għandu jkun li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn il-kontroll u r-riskju u jkun hemm flessibbiltà biżżejjed biex tippermetti partenarjat effiċjenti mal-atturi privati, li tiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE bbażata fuq il-qsim ekwu tal-ispejjeż u l-benefiċċji.

³⁴ C.f. Pubblikazzjoni ta' Ċentru Espert Ewropew- EPEC- "The financial Crisis and the PPP market, potential remedial actions" of August 2009 at www.eib.org/epec.

- Tittieħed perspettiva strateġika mad-diriġenti tal-ITK u partijiet interessati oħra biex jiġi identifikat liema huma l-ostakoli speċifiċi u kif l-aħjar jistgħu jiġu indirizzati, inklużi l-bidlijiet fir-regoli tal-Komunità li jiggvernewhom, bħar-Regolament Finanzjarju, kif meħtieġ. Rapport li jinkludi r-rakkomandazzjonijiet tal-politika se jiġi ppreżentat fix-xhur li ġejjin. Fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni se tipproponi **qafas ġdid għall-ITK**, li jista' jkun ibbażat fuq korpi legali privati. Se jittieħed kont ta' dan il-qafas ġdid fir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, li se jiġi ppreżentat matul l-ewwel nofs tal-2010.
- Issir ħidma mal-grupp tal-BEI u partijiet interessati oħra biex jiġi studjat kif l-istrumenti finanzjarji jistgħu jissaħħu sabiex jitjieb il-finanzjament għall-innovazzjoni. Din il-ħidma tista' wkoll teżamina jekk u kif tista' tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-UE f'korpi legali privati bħala mezz li jwassal għall-għanijiet tal-politiki dwar l-innovazzjoni. Ir-risultati ta' dan ix-xogħol jistgħu jiġu inklużi fil-proposti tal-Kummissjoni għal politika ġdida dwar l-innovazzjoni, li għandha tiġi ppreżentata kmieni fl-2010, u jittieħed kont tagħhom fejn xieraq, fir-reviżjoni li jmiss tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni se tiegħu kont tar-risultati ta' dawn l-inizjattivi bil-għan li ttejjeb il-qafas tal-UE għall-PPP qabel l-aħħar tal-2011 u jekk meħtieġ, tipproponi inizjattivi ġodda.

6. KONKLUŻJONI

L-iżvilupp tal-PPP bħala strument isir kritiku hekk kif il-kriżi finanzjarja u ekonomika qed ikollha effett negattiv fuq il-kapaċità tal-fondi pubbliċi li jsibu meżżi finanzjarji u jallokaw riżorsi għal politiki importanti u proġetti speċifiċi. L-interess tas-settur pubbliku fi strumenti finanzjarji innovattivi żdied kif ukoll ir-rieda politika biex jinħolqu kundizzjonijiet għal toroq iktar effiċjenti biex jitwasslu proġetti infrastrutturali, sew fit-trasport kif ukoll fis-setturi soċjali, tal-enerġija u l-ambjent. Min naħa l-oħra, l-interess tas-settur privat biex jinvolvi ruħu fil-PPPs jista' jkun imxekkel mill-qafas regolatorju preżenti u l-pressjonijiet ekonomiċi ġodda, kif ukoll minn fatturi oħra iktar fil-fond li ilhom jeżistu bħall-kapaċità limitata tas-settur pubbliku li jwettaq programmi PPP f'diversi partijiet tal-Ewropa. Sabiex il-PPPs jibqgħu jipparteċipaw fuq medda twila ta' żmien, ħames azzjonijiet ewlenin huma partikolarment indispensabbli fl-2010:

- Il-Kummissjoni se **twaqqaf grupp ta' PPP** u tistieden lill-partijiet interessati rilevanti biex jiddiskutu t-tħassib tagħhom u ideat oħra rigward il-PPP. Fejn xieraq, se tippubblika gwida biex tassisti lill-Istati Membri jtaffu l-piż amministrattiv u d-dewmien biex jiġu implimentati l-PPP: f'dan il-kuntest, se teplora toroq biex tiffaċilita u tħaffef il-ħruġ ta' permessi ta' pjanifikazzjoni għal proġetti ta' PPP.
- Il-Kummissjoni se taħdem mal-BEI biex **iżżid il-fondi disponibbli għall-PPP**, billi tiffoka mill-ġdid strumenti eżistenti tal-Komunità u billi tiżviluppa strumenti finanzjarji għall-PPP f'oqsma tal-politika importanti.
- Il-Kummissjoni se tirrevedi r-regoli u prattiki rilevanti sabiex **tiżgura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni fl-allokkazzjoni ta' fondi pubbliċi, fejn huma nvoluti l-finanzi tal-Komunità** pubbliċi, skont il-ġestjoni tal-proġett, sew jekk privat sew pubbliku. Fejn xieraq, se tagħmel proposti għal emendi.

- Il-Kummissjoni se tipproponi **qafas għall-innovazzjoni iktar effettiv inkluża l-possibbiltà għall-UE** li tipparteċipa f'korpi legali privati u tinvesti direttament fi proġetti speċifiċi.
- Il-Kummissjoni se tikkunsidra proposta għal **strument leġiżlattiv fuq konċessjonijiet** ta' servizz, ibbażata fuq il-Valutazzjoni tal-Impatt li tinsab għaddejja bħalissa.

L-azzjonijiet ta' hawn fuq għandhom il-għan li joħolqu qafas Komunitarju għall-PPPs imfassal biex jissodisfa l-bżonnijiet taċ-ċittadini, imexxi 'l quddiem l-għanijiet tal-Komunità permezz ta' analiżi fil-futur u jiżgura li r-riżultati jissodisfaw dawn il-ħtiġiet.